# TINŻILX, JA XITA!

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Le, le tinżilx, ja xita!
Ħalli jgħidu l-bnedmin li int bla ħniena,
li int ukoll bla qalb!
Tinżilx f'dil-gżira tagħna:
ħallihom jgħidu li n-Natura kiefra
jekk ma tismax it-talb!
Għadda minn moħħ il-bniedem:
"Waslet ix-xitwa: jiem mis-sbieħ, bla xita,
art niexfa, kollha xemx.
Tassew, kollox inqaleb:
iġġennet in-Natura: għaddiet ix-xitwa
u qatra ilma m'hemmx!"
Ħallihom igħidu! Imġienen
huma l-bnedmin; huma bla qalb, bla ħniena
meta ma jisimgħux
il-għajta tan-Natura,
joħonqu l-karba u l-ewwel nifs tal-Ħajja:
u b'dana ma jistħux!
Le, le tinżilx, ja xita!
jew inżel bla ma tieqaf, inżel, inżel
u kaxkar ma'-widien
il-għira u l-mibegħda,
u qaċċat il-moħqrija ħa jissaffa
mill-ħażen il-ħolqien!